

Brussell, 12 ta' April 2018  
(OR. en)

7881/18

RECH 127  
ATO 18  
COMPET 213

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

|                  |                                                                                     |
|------------------|-------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:            | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                    |
| lil:             | Delegazzjonijiet                                                                    |
| Nru. dok. preċ.: | 7110/1/18 RECH 104 ATO 15 COMPET 153                                                |
| Suġġett:         | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-proġett ITER riformat (adottati fit-12/04/2018) |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-proġett ITER riformat kif ġew adottati mill-Kunsill fit-3611-il laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' April 2018.

**KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR IL-PROĠETT ITER RIFORMAT**

1. Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-Komunikazzjoni tal-14 ta' Ġunju 2017 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titlu "Il-kontribuzzjoni tal-UE lejn il-proġett ITER riformat"<sup>1</sup>.
2. Il-Kunsill JISSOTTOLINJA l-importanza fundamentali tal-proġett ITER fil-pjan direzzjonali tal-fużjoni Ewropea u l-ħtieġa li jkun hemm koordinazzjoni effettiva bejn l-attivitajiet tal-ITER u l-attivitajiet tal-EUROfusion bil-għan li jsir użu kummerċjali tal-enerġija mill-fużjoni b'mod kosteffiċjenti.
3. Il-Kunsill IFAKKAR li fl-2010 iffissa limitu għall-kontribuzzjoni Ewropea għall-proġett għall-fażi ta' kostruzzjoni ta' EUR 6.6 biljun (fi prezzijiet tal-2008)<sup>2</sup> u JIDDISPJAĊIH għaż-żidiet fl-ispiża u d-dewmien sinifikanti fit-tlestija u l-għoti ta' xi kontribuzzjonijiet *in natura*. Għaldaqstant, il-Kunsill JAPPELLA lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jieħdu impenn sod lejn tlestija ta' suċċess, kosteffiċjenti u fil-ħin tal-proġett ITER fil-baġit u JISĦAQ fuq l-importanza li jżommu strettament mal-linja ġdida ta' referenza.
4. Il-Kunsill JIRRIKONOXXI t-titjib fuq il-governanza tal-proġett u l-isforzi tal-amministrazzjoni l-ġdida fl-Organizzazzjoni ITER u fil-Fużjoni għall-Enerġija u JILQA' t-titjib li sar fuq il-proġett biex jerġa' jikkonforma mal-*approċċ fi stadji* li huwa l-bażi tal-linja ġdida ta' referenza. Il-Kunsill JILQA' wkoll il-progress fuq is-sit tal-ITER u l-kisba tal-miri għall-2016 u l-2017.

---

<sup>1</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-kontribuzzjoni tal-UE lejn il-proġett ITER riformat; Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar l-istatus tal-proġett ITER li jakkumpanja d-dokument Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-kontribuzzjoni tal-UE lejn il-proġett ITER riformat (10434/17 + ADD1).

<sup>2</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istatus tal-ITER u t-triq possibbli 'l quddiem (dok. 11902/10).

5. Il-Kunsill IĦEĠĠEĠ li l-komponenti u attivitajiet marbuta oħra essenzjali biex tinkiseb l-Ewwel Plażma fl-2025 u l-attivitajiet addizzjonali limitati tal-Installazzjoni Finali fil-fażi operazzjonali minn Jannar 2026 sal-bidu tal-Operazzjoni Dewterju-Tritju fl-2035 jinżammu fil-limiti tar-riżorsi disponibbli u konformi mal-linja ġdida ta' referenza.
6. Il-Kunsill JAPPELLA lill-partijiet ikkonċernati kollha joqogħdu mill-aktar attenti kemm għall-ġestjoni tar-riskju kif ukoll għal kontroll aħjar tal-ispejjeż, inkluż dispożizzjonijiet xierqa għar-riskji u l-kontinġenzi sabiex jiġi evitat aktar dewmien fil-ġejjieni. Il-Kunsill IĦEĠĠEĠ il-ġestjoni tal-Organizzazzjoni ITER u l-Fużjoni għall-Enerġija biex jiġu adottati aktar miżuri ta' trażżin tal-ispejjeż u tnaqqis tar-riskju, fir-rigward ukoll ta' attivitajiet oħra minbarra l-kontribuzzjoni in natura għall-proġett ITER, u JFAKKAR li t-tfassil għandu jsegwi l-baġit b'rispett sħiħ tal-għan maħsub tal-faċilità.
7. Il-Kunsill ITENNI li l-valutazzjonijiet annwali indipendenti tal-progress tal-ITER iridu jittkomplew u jiġu intensifikati b'konċentrazzjoni fuq il-prestazzjoni u l-ġestjoni tal-proġett, inkluż it-trażin tal-ispejjeż, il-kontroll tal-iskeda tal-proġett kif ukoll il-ġestjoni tar-riskju. Il-Kunsill JAPPELLA GĦAL implimentazzjoni konsistenti tar-rakkomandazzjonijiet rispettivi tal-valutazzjonijiet. Il-Kunsill JISĦAQ ukoll li d-dmirijiet ta' rappurtar tal-Fużjoni għall-Enerġija kif stipulati fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2010 għadhom ma nbidlux.
8. Il-Kunsill JITLOB li l-Fużjoni għall-Enerġija, bħala l-Aġenzija Domestika responsabbli mill-kontribuzzjoni Ewropea għall-ITER, tagħti l-kontribuzzjonijiet monetarji u in natura Ewropej meħtieġa biex tinkiseb l-Ewwel Plażma fl-2025 f'konformità mal-linja ġdida ta' referenza u fil-limiti tar-riżorsi disponibbli. Barra minn hekk, il-Kunsill JITLOB ukoll li l-ġoti tal-kontribuzzjonijiet monetarji u in natura Ewropej kollha biex tinkiseb l-Ewwel Plażma jsir b'kollaborazzjoni bejn l-Organizzazzjoni ITER u l-Aġenziji Domestiċi kollha.
9. Il-Kunsill JIRRAKKOMANDA li l-Fużjoni għall-Enerġija tqis modi kif tindirizza l-livelli differenti ta' parteċipazzjoni industrijali tal-Istati Membri differenti fl-implimentazzjoni tal-proġett ITER, fost l-oħrajn permezz ta' aktar tagħrif dwar l-akkwisti.

10. Il-Kunsill JIEĦU NOTA B'SODISFAZZJON tal-kandidatura ta' Spanja u l-Kroazja għas-sit tal-proġett futur IFMIF-DONES<sup>3</sup> u, fl-istess ħin JENFASIZZA l-ħtieġa li tinżamm il-kooperazzjoni b'suċċess mal-Ġappun fi ħdan Approċċ Usa' u s-segwitu tiegħu.
11. Il-Kunsill JINNOTA li l-kontribuzzjoni Ewropea għall-kostruzzjoni tal-proġett ITER ser tkun ta' 5/11 tal-ispejjeż ta' kostruzzjoni li minnhom 80% ser jiġu ffinanzjati mill-Euratom u 20% minn Franza. Id-distribuzzjoni tal-ispejjeż ser tinbidel fil-fażi tal-operazzjoni, fejn il-kontribuzzjoni Ewropea ser tkun ta' 34% tal-ispejjeż stmati kif jinsab fil-Ftehim tal-2006 dwar l-ITER.
12. Il-Kunsill JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn kontinwu tal-Euratom lejn it-tlestija b'suċċess tal-proġett ITER u ser JISTINKA biex jagħmel disponibbli riżorsi fil-limiti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe negozjati sussegwenti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, li ser jiddeterminaw id-dettalji tal-finanzjament futur.
13. Il-Kunsill JAPPELLA għal impenn ċar mill-Partijiet internazzjonali kollha tal-ITER biex jappoġġaw b'mod sħiħ it-tlestija tal-proġett skont il-linja ġdida ta' referenza f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-Kunsill ITER fil-21 u t-22 ta' Ġunju 2017.
14. Soġġett għall-kunsiderazzjonijiet u r-rekwiżiti ta' hawn fuq, il-Kunsill JAGĦTI MANDAT lill-Kummissjoni biex tapprova l-linja ta' referenza ġdida tal-ITER f'isem il-Euratom f'laqgħa tal-Kunsill ITER fuq livell Ministerjali.

---

<sup>3</sup> IFMIF-DONES hija l-Faċilità Internazzjonali ta' Irradjazzjoni ta' Materjali ta' Fużjoni - Sors ta' Newtroni Orjentat lejn id-DEMO.